Il-Kummissjoni Ewropea



© phovoir

# Logħba ta’ rwol dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE:

## Gwida għall-għalliema

Parlament Ewropew

Kunsill tal-Unjoni Ewropea

# Logħba ta' rwol dwar it-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE: Gwida għall-għalliema

## Ħarsa ġenerali

L-istudenti jirreċtaw laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. L-għan tal-laqgħa huwa li tintlaħaq deċiżjoni dwar il-proposta leġiżlattiva li tikkonċerna l-ingredjenti fiċ-ċikkulata. Il-proposta se tiġi adottata biss jekk kemm il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-Parlament Ewropew jaqblu dwar il-kliem definittiv. Matul il-laqgħa, il-Parlament Ewropew jinforma lill-Kunsill dwar il-pożizzjoni tiegħu rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata.

L-istudenti jagħmluha ta' ministri mill-Istati Membri tal-UE. Minn naħa waħda, jeħtieġ li jqisu l-interessi nazzjonali tagħhom. Min-naħa l-oħra, għandhom jippermettu li l-proċess leġiżlattiv Ewropew jimxi bla xkiel. Jipparteċipaw ukoll rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Parlament Ewropew.

## Il-Każ

F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea tiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom "ċikkulata".
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta' din iċ-"ċikkulata".

## L-għan tat-tagħlim

L-għan huwa li l-istudenti jesperjenzaw kif jaħdem it-teħid tad-deċiżjonijiet Ewropew u li jifhmu li diversi interessi nazzjonali u oħrajn għandhom rwol.

## Il-ħin meħtieġ

Il-logħba ta' rwol tieħu 75 minuta, inkluża l-introduzzjoni.

Skont il-ħin li jkollok disponibbli, tista' tagħti lill-istudenti iktar jew inqas ħin biex jippreparaw fi gruppi. Tista' wkoll tqassar id-diskussjoni ta' wara jekk ikun meħtieġ.

Huwa possibbli li l-logħba ta' rwol tinqasam f' żewġ lezzjonijiet. Lesti l-partijiet A u B fl-ewwel lezzjoni, imbagħad iddedika t-tieni lezzjoni għal-logħba ta' rwol (C) u d-diskussjoni wara (D).

### Materjali meħtieġa

- Vidjo introduttorju
- Fakultattiv: preżentazzjoni bil-PowerPoint, b'deskrizzjoni addizzjonali tal-Unjoni Ewropea
- Informazzjoni dwar il-każ
- Karti għan-noti għall-istudenti
- Paġna Excel biex jiddaħħlu l-voti (tista' tiġi pproġettata fuq l-iskrin)

Jekk għandek xi mistoqsijiet dwar din il-logħba ta' rwol, jekk jogħġbok ikkuntattja lil COMM-PUBLI-FEEDBACK@ec.europa.eu

© L-Unjoni Ewropea

NB. Il-proċedura ġiet issimplifikata għall-fini ta' din il-logħba ta' rwol. Tirrifletti wkoll inqas pajjiżi minn dawk li pparteċipaw fid-direttiva oriġinali.

## Tħejjija

Irranġa s-siġġijiet minn qabel bħallikieku se ssir laqgħa (jiġifieri forma ta' kaxxa). Kun ċert li jkun hemm biżżejjed postijiet għall-parteċipanti kollha.

L-aħjar għadd ta' parteċipanti huwa dak bejn 15 u 25 parteċipant. Hawn taħt tista' ssib spjegazzjoni ta' x'għandu jsir b'aktar jew b'anqas parteċipanti.

## It-tmexxija tal-logħba ta' rwol

### Parti A. Vidjo introduttorju u spjegazzjoni (10-15-il minuta)

- Araw il-film introduttorju bħala klassi.
- Agħti deskrizzjoni qasira tal-Unjoni Ewropea. Uża l-preżentazzjoni bil-PowerPoint biex tgħin, jekk tixtieq.
- Ikteb il-passi tal-logħba ta' rwol fuq il-bord: Rawnd 1 - Votazzjoni preliminari; Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew; Waqfa; Rawnd 2 - Votazzjoni finali; Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew. Spjega li matul il-waqfa, il-ministri nazzjonali jridu jippruvaw jikkonvinċu lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Parlament Ewropew biex jaħsbuha bħalhom. Matul il-waqfa huwa possibbli wkoll li wieħed jistaqsi jekk il-Kummissjoni Ewropea hijiex lesta li temenda l-proposta.
- Aqsam il-klassi f'14-il grupp.
  *Grupp 1*
  Il-Parlament Ewropew (bejn student wieħed u żewġ studenti)
  *Grupp 2*
  Il-President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (bejn student wieħed u żewġ studenti)
  *Grupp 3*
  Il-Kummissjoni Ewropea (bejn student wieħed u żewġ studenti)
  *Gruppi 4-14*
  Il-Ministri tal-Istati Membri tal-UE (bejn student wieħed u żewġ studenti għal kull Stat Membru) Jekk il-klassi jkollha aktar minn 28 student, xi studenti jiffurmaw gruppi ta' tlieta.
- Agħti d-deskrizzjonijiet tar-rwoli.

NB: Jekk ma jkunx hemm biżżejjed studenti, il-Portugall, l-Irlanda u/jew iċ-Ċekja jistgħu jitħallew barra. Madankollu, huwa importanti li l-voti ta' dawn il-pajjiżi jingħaddu xorta! Ħabbar dawn il-pożizzjonijiet inti stess matul il-laqgħa.

### Parti B: Preparazzjoni fi gruppi (5–10 minuti)

L-istudenti jiddeċiedu kif se jirreċtaw, bl-użu tad-deskrizzjonijiet tar-rwoli. Se jivvutaw favur jew kontra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea? U għaliex?

| | |
|---|---|
| Il-President | |
| Franza | L-Iżvezja |
| Iċ-Ċekja | Il-Portugall |
| Il-Polonja | Il-Ġermanja |
| Il-Belġju | In-Netherlands |
| Spanja | L-Irlanda |
| Il-Parlament Ewropew | L-Italja |
| Il-Kummissjoni Ewropea | |

### Parti C: Logħba ta' rwol – laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (45 minuta)

*Rawnd 1: 10 minuti*
Il-president jiftaħ il-laqgħa, u jagħti l-kelma lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni taqra b'leħen għoli l-proposta għad-direttiva.

Il-president imbagħad jitlob lil kull pajjiż jifformula l-pożizzjoni tiegħu dwar id-direttiva.

Ħeġġeġ lill-istudenti biex jiktbu dak li vvota kull Stat Membru u dak li vvota l-Parlament.

**Votazzjoni preliminari:** Il-president jistaqsi liema pajjiżi jixtiequ jivvutaw favur id-direttiva, kif ifformulata mill-Kummissjoni Ewropea. Irreġistra l-voti fuq kompjuter, billi tuża l-paġna Excel. Fi tmiem il-votazzjoni, ma tkun intlaħqet l-ebda maġġoranza.

**Il-president jagħti l-kelma lill-Parlament Ewropew (PE).** Il-proposta sabet reżistenza kbira fil-Parlament Ewropew. Ġiet irrifjutata b'maġġoranza assoluta.

Il-president jitlob waqfa bejn 10 u 15-il minuta. Matul dan il-ħin, id-diversi pajjiżi jippruvaw jiksbu appoġġ għall-pożizzjonijiet tagħhom. Matul il-waqfa huwa possibbli wkoll li jiġu ppreżentati proposti ta' emenda lill-Kummissjoni Ewropea.

*Waqfa: 10-15-il minuta*
Negozjar: il-ministri tad-diversi Stati Membri jfittxu appoġġ għall-pożizzjonijiet tagħhom, jew jagħmlu kompromessi. Huwa permess li l-Kummissjoni Ewropea tintalab temenda l-proposta. Dur dawra u fakkar lill-ministri u lill-Kummissjoni Ewropea biex jitkellmu u jiddiskutu l-kwistjoni mal-Parlament Ewropew. Huwa importanti li anki l-Parlament jaċċetta l-proposta.

*Rawnd 2: 20 minuta*
Il-president jiftaħ il-laqgħa u jenfasizza l-interess komuni: il-kummerċ intern fl-UE.

Il-president jistaqsi lill-Kummissjoni Ewropea jekk emendatx il-proposta għad-Direttiva dwar iċ-ċikkulata.

Jekk iva, il-Kummissjoni tingħata l-kelma sabiex tippreżenta l-proposta emendata lill-parteċipanti tal-laqgħa, u tispjega għaliex ġiet emendata.

Jekk le, il-Kummissjoni terġa' taqra l-proposta kif ġiet iffurmulata qabel.

Il-president jitlob lill-ministru minn kull Stat Membru jispjega x'jaħseb/taħseb dwar il-proposta (possibbilment emendata) mill-Kummissjoni. Minħabba raġunijiet ta' ħin, il-president jista' jiddeċiedi li xi Stati Membri biss jingħataw il-ħin biex jitkellmu.

**Votazzjoni finali:** Il-president jistaqsi min huwa favur il-proposta (emendata), u min huwa kontra.

Irreġistra l-voti fuq kompjuter, billi tuża l-paġna Excel.

Wara l-votazzjoni, il-Parlament Ewropew jispjega l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta (emendata).

### Parti D: Diskussjoni ta' wara (10 minuti)

Wara, iddiskutu l-proċess u l-argumenti mqajma.

Irriflettu fuq ir-riżultat. Kien raġonevoli li wieħed jassumi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kienu se jilħqu qbil rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata? Dan meħtieġ sabiex jintlaħqu deċiżjonijiet definittivi.

L-interessi nazzjonali jistgħu jxekklu t-teħid tad-deċiżjonijiet Ewropew.

Id-differenzi ideoloġiċi jistgħu jipprevjenu l-qbil.

NB: Id-deskrizzjonijiet tar-rwoli tal-istudenti jingħataw fil-paġni li ġejjin.

## Suġġerimenti:

Matul il-waqfa, indika lill-istudenti tiegħek liema hija d-direzzjoni t-tajba. Liema pajjiżi jistgħu jiġu konvinti?

Għid lill-istudenti tiegħek li jistgħu jagħmlu dak kollu li jixtiequ biex jipproduċu argument attraenti matul it-tieni rawnd. Dan jirriżulta f'dibattitu jaħraq!

### GĦALLIEM(A)

1. Stampa r-rwoli fuq naħa waħda.
2. Ipprepara l-vidjo, il-PowerPoint u t-tabella Excel.
3. Introduzzjoni: għid fil-qosor x'se jiġri (issir proposta ġdida dwar iċ-ċikkulata).
4. Uri l-vidjo.
5. Qassam ir-rwoli.
6. Agħti l-kelma lill-President.
7. Il-President jagħti l-kelma lill-Kummissjoni Ewropea.
8. Il-President jagħti l-kelma lil kull Stat Membru.
9. Il-President iħalli lil kull Stat Membru jivvota u **int (=superviżur/għalliem(a)) imla t-tabella Excel.** Uża l-ittri **f** = favur jew **a** = kontra
10. Il-President jagħti l-kelma lill-Parlament Ewropew.
11. Il-President iħabbar sospensjoni ta' 15-il minuta għan-negozjar.
12. U rrepeti minn 6 sa 10.
13. Xi tip ta' spjegazzjoni wara (qasira!).

# Il-Parlament Ewropew

Il-Każ

*F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b'"suq intern" mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

## Funzjoni

Il-Parlament Ewropew huwa **l-vuċi tan-nies** u jirrappreżenta liċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha tal-UE. Il-Parlament Ewropew għandu rwol deċiżiv fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, minħabba li - flimkien mal-Istati Membri - irid jaqbel mal-proposti leġiżlattivi mibdija mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm 705 Membri tal-Parlament Ewropew u huma maqsumin fi gruppi politiċi.

## Il-Parlament Ewropew x'jaħseb fuq din il-proposta dwar iċ-ċikkulata?

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea sabet **reżistenza kbira** fil-Parlament Ewropew. Huwa vvota kontra b'maġġoranza assoluta, billi argumenta li "ċ-ċikkulata" hija xi ħaġa differenti ħafna minn dik li l-manifatturi fl-Iżvezja, fl-Irlanda u fi tliet Stati Membri oħra ilhom jipproduċu għal għexieren ta' snin.

Bħala korp elett li jirrappreżenta liċ-ċittadini fl-Istati Membri tal-UE, il-Parlament jieħu l-interessi tal-konsumatur bis-serjetà ħafna. Il-konsumaturi jibbenefikaw minn **informazzjoni** ċara u **korretta** dwar l-oġġetti tal-ikel li jixtru. Madankollu, fil-proposta attwali mhuwiex ċar liema tip ta' ċikkulata tinsab għall-bejgħ. Barra minn hekk, għadd pjuttost kbir ta' Membri tal-Parlament Ewropew huma mħassba li t-togħma unika tal-**ispeċjalità reġjonali** mill-kostitwenza tagħhom tkun f'riskju, jekk iċ-ċikkulata tkun tista' ssir minn ingredjenti oħra. Fl-aħħar nett, il-Parlament Ewropew huwa kontra l-istimulazzjoni tad-deforestazzjoni li hija stimulata mill-produzzjoni taż-**żejt tal-palm**.

## Ir-rwol tiegħek

Il-Parlament Ewropew innominak bħala r-relatur tiegħu biex tippreżenta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal "Direttiva dwar iċ-ċikkulata". L-istruzzjonijiet tiegħek huma ċari: il-Parlament Ewropew jistenna li titkellem **kontra** l-proposta.

### Xi trid tagħmel?

1. Ladarba l-Istati Membri jkunu vvutaw dwar il-proposta għall-ewwel darba, il-president jagħtik il-kelma biex tippreżenta l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew. Għandek minuta u nofs biex titkellem.
2. Jekk ma jkun hemm l-ebda maġġoranza fil-Kunsill favur il-proposta, ikun hemm sessjoni ta' lobbjar. Inti trid li jitneħħew mill-inqas 2 mit-3 punti ta' tħassib tiegħek. Għalhekk, għandek twettaq **lobbjar attiv** flimkien mal-partijiet l-oħra! **Mela mur u kellimhom**.
3. Wara s-sessjoni ta' lobbjar, l-Istati Membri jivvutaw għat-tieni darba. Minn hemm 'il quddiem, il-President se jitolbok tgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew issa. Tista' tbiddel il-vot tiegħek abbażi tas-sessjoni ta' lobbjar.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea: Il-President

Il-Każ

*F’xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista’ jinbiegħ b’dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista’ jiġi ttikkettat biss bħala “ċikkulata” jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b’“suq intern” mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

## Funzjoni

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jikkonsisti mill-ministri nazzjonali minn kull pajjiż tal-UE. Huma jiltaqgħu biex jadottaw il-liġijiet u jikkoordinaw il-politiki.

**10 minuti**

Rawnd 1: Iftaħ u mexxi l-laqgħa:

1. Iftaħ il-laqgħa u agħti merħba lil kulħadd. Għid li llum fuq l-aġenda hemm id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata.
2. Spjega li r-rawnd 1 huwa intenzjonat biex isir stħarriġ fil-forma ta’ vot preliminari. Wara dan ikun hemm waqfa ta’ bejn 10 u 15-il minuta, u fir-rawnd 2 tittama li tintlaħaq deċiżjoni.
3. Agħti l-kelma lill-**Kummissjoni Ewropea**, li se tippreżenta l-proposta tagħha.
4. Itlob lil **kull Stat Membru** jispjega l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta. Tista’ tniżżel il-pożizzjonijiet tagħhom fit-tabella ta’ wara. Ħeġġeġ lill-Istati Membri jiktbu kull pożizzjoni fuq il-karti tagħhom

*Votazzjoni preliminari:*
Filwaqt li l-għalliem(a) juri/turi l-paġna Excel fuq l-iskrin, itlob lill-ministri biex jivvutaw. Bl-użu tal-paġna Excel, l-għalliem(a) jirreġistra/tirreġistra liema pajjiżi huma favur **(f)** il-proposta, u liema huma kontra **(a)**. Il-paġna Excel tiffaċilita kif wieħed jara jekk id-direttiva ġietx aċċettata. Sabiex tiġi adottata proposta, maġġoranza kwalifikata ta’ mill-inqas 55 % tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u trid tirrappreżenta mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni fl-UE.

Itlob lill-**Parlament Ewropew** jispjega l-pożizzjoni tiegħu.

*Sejjaħ Waqfa*
1. Tikkonkludi li m’hemm l-ebda maġġoranza favur il-proposta tal-Kummissjoni.
2. **Spjega** l-iskop tal-waqfa:
   a. Matul il-waqfa, il-pajjiżi għandhom jippruvaw jilħqu kompromessi sabiex tkun tista’ tintlaħaq maġġoranza.
   b. Il-pajjiżi għandhom jippruvaw jikkonvinċu lill-Kummissjoni biex temenda l-proposta ħalli jkunu jistgħu jivvutaw favur tagħha. Din it-tip ta’ diskussjoni bejn il-Kummissjoni, il-Parlament u l-Istati Membri tissejjaħ “negozjar” jew “lobbjar”.
3. Sejjaħ waqfa ta’ bejn 10 u 15-il minuta.

**10-15-il minuta**

Waqfa

Bħala President tal-laqgħa m’għandek l-ebda kompitu speċifiku matul il-waqfa, iżda żomm il-ħin. Għandek tħabbar meta jkun wasal il-ħin biex terġa’ tibda l-laqgħa.

**20 minuta**

Rawnd 2: Bidu:

Enfasizza l-importanza tat-teħid konġunt tad-deċiżjonijiet. Minkejja d-differenzi bejn kulħadd, l-għan huwa li jintlaħaq qbil sabiex jiġi ffaċilitat il-kummerċ fl-UE.

*Mexxi l-laqgħa:*
1. Staqsi lill-Kummissjoni jekk emendatx il-proposta tagħha matul il-waqfa (jiġifieri bħala riżultat tal-lobbjar) u wara li tkun semgħet il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
2. Agħti l-kelma lill-Kummissjoni, sabiex tkun tista’ tippreżenta l-proposta (possibbilment emendata) tagħha.
3. Staqsi jekk xi ħadd iridx jikkummenta dwar il-proposta (emendata), jew dwar waħda mill-emendi. Ħeġġeġ id-dibattitu billi ssaqsi mistoqsijiet.

**Oqgħod attent għall-ħin** – il-vot finali jrid jittieħed ħames minuti qabel it-tmiem tal-laqgħa.

*Votazzjoni finali:*
Itlob lill-ministri biex jivvutaw favur jew kontra l-proposta (emendata) tal-Kummissjoni Ewropea. L-għalliem(a) jirreġistra/tirreġistra l-voti fil-paġna Excel. Ikkonkludi jekk il-proposta (emendata) laħqitx maġġoranza bl-użu tal-paġna Excel.

4. Wara l-votazzjoni, itlob lill-Parlament Ewropew biex jagħti l-pożizzjoni tiegħu.

## Il-proċedura tal-votazzjoni

### Importanti!

Proposta tista' tiġi aċċettata biss jekk ikun hemm maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi, li tirrappreżenta **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE.

### IL-PRESIDENT

1. Itlob is-silenzju.
2. Għid fil-qosor x'se jiġri (issir proposta ġdida dwar iċ-ċikkulata).
3. Agħti l-kelma lill-**Kummissjoni Ewropea**.
4. Agħti l-kelma lil **kull Stat Membru**.
5. Ħalli lil kull Stat Membru jivvota. (is-superviżur / l-għalliem(a) jimla/timla t-tabella Excel.)
6. Agħti l-kelma lill-**Parlament Ewropew**.
7. Ħabbar sospensjoni ta' 15-il minuta għan-negozjar.
8. Agħti lill-Kummissjoni bejn żewġ u tliet minuti biex tfassal proposta.
9. U rrepeti minn 3 sa 6.

| Ministri fil-Kunsill | Favur / kontra / mhux ċerti? | Popolazzjoni (miljuni) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 miljun | 100 % |
| **Għadd ta' pajjiżi favur?** | | **Miljun abitant favur?** | |
| **% favur?** | | **% favur?** | |
| **intlaħqu l-55 %?** | IVA / LE | **intlaħqu l-65 %?** | IVA / LE |

NB: Din il-proċedura ta' votazzjoni ġiet issimplifikata għall-finijiet tal-logħba ta' rwol.

# Il-Kummissjoni Ewropea

## Il-Każ

*F’xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista’ jinbiegħ b’dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista’ jiġi ttikkettat biss bħala “ċikkulata” jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b’“suq intern” mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

## Funzjoni

Inti tirrappreżenta l-**korp eżekuttiv** tal-Unjoni Ewropea. Inti tieħu l-inizjattiva fir-rigward tal-leġiżlazzjoni, u timmonitorja jekk il-liġijiet Ewropej ġewx implimentati.

## Il-proposta tiegħek: id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata

Il-Kummissjoni Ewropea tiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom “ċikkulata”.
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta’ din iċ-“ċikkulata”.

### X’għandek tagħmel:

1. Ippreżenta l-proposta tiegħek għad-Direttiva dwar iċ-ċikkulata. Niżżel il-pożizzjonijiet ta’ kull pajjiż.
2. Matul il-waqfa, ipprova sib maġġoranza għall-proposta. Ipprova **kkonvinċi** lill-pajjiżi li vvutaw kontra l-proposta biex ibiddlu fehmithom. Tista’ wkoll **temenda** l-proposta, sabiex aktar pajjiżi jivvutaw favurha.
3. Żomm f’moħħok ix-xewqat **tal-Parlament Ewropew**. Ftit qabel il-waqfa, se tisma’ l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
4. Wara l-waqfa, ippreżenta l-proposta (emendata).

Ħu nota ta’ dak li jgħid kull pajjiż, immonitorja bir-reqqa min qed jappoġġa l-proposta tiegħek u min forsi jirnexxielek tikkonvinċih (ara t-tabella t’hawn taħt). Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta’ mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u trid tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# Il-Belġju



© Photodisc/Getty Images

## Il-Każ

*F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b'"suq intern" mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom "ċikkulata".
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta' din iċ-"ċikkulata".

## X'jaħseb il-Belġju fuq din il-proposta dwar iċ-ċikkulata?

**Ma taqbilx** mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea. Il-prodotti jistgħu jissejħu "ċikkulata" biss jekk **ikun fihom il-butir tal-kawkaw!**

Iċ-ċikkulata Belġjana hija waħda mill-aktar esportazzjonijiet importanti tiegħek. Il-Belġjani huma estremament kburin bil-pralines tagħhom. Int iffukat ħafna wkoll fuq l-iżvilupp ta' industrija taċ-ċikkulata b'kummerċ ġust. Mill-aktar minn 700,000 tunnellata ta' ċikkulata prodotta fil-Belġju llum, 57 % issa hija ċċertifikata u/jew koperta minn programm ta' sostenibbiltà korporattiva (sors: Rapport annwali 2021 ta' Fairtrade Belgium). Huwa kruċjali li aktar pajjiżi jsegwuk. Temmen li l-bdiewa lokali tal-kawkaw jistħoqqilhom kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, prezzijiet ġusti, ambjent imtejjeb u termini aħjar tal-kummerċ.

### L-ewwel ċiklu ta' voti

Il-Belġju **jivvota kontra** l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea.

### Waqfa

Lest issib soluzzjoni. Forsi idea partikolari tista' tkun li l-prodotti li jkun fihom żjut veġetali oħra jiġu ttikkettati bħala "**vegacacao**", jew xi ħaġa simili. Imbagħad kwalunkwe prodott xorta jkun jista' jinbiegħ fi kwalunkwe pajjiż, iżda jkun ċar għall-konsumaturi liema prodotti huma ċikkulata proprja, u liema mhumiex. Barra minn hekk, tinsiex tippromwovi ċ-ċikkulata **b'kummerċ ġust** fost l-Istati Membri kollha u tikkollabora mal-alleati potenzjali tiegħek.

### Il-Proċedura tal-Votazzjoni

Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u trid tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE. Tinsiex tikteb l-opinjoni ta' kull Stat Membru.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# Iċ-Ċekja


© Image Source/F1online

## Il-Każ

*F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b'"suq intern" mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom "ċikkulata".
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta' din iċ-"ċikkulata".

## X'taħseb iċ-Ċekja fuq din il-proposta dwar iċ-ċikkulata?

Iċ-Ċekja għamlet investimenti sinifikanti fil-produzzjoni taċ-ċikkulata li **fiha l-butir tal-kawkaw**. Ikkonformajt mar-rekwiżiti ta' Franza, tal-Belġju u tal-Iżvizzera f'kull aspett. Għalhekk m'intix kuntent bil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea. Għalkemm inti pajjiż pjuttost żgħir, din il-proposta jista' jkollha impatt kbir. Iċ-ċittadini tiegħek jippreferu ċ-ċikkulata b'inqas zokkor u aktar kawkaw. Lanqas jekk ikollhom iħallsu aktar jekk ikun meħtieġ.

### L-ewwel ċiklu ta' voti

Iċ-Ċekja **tivvota kontra** l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea.

### Waqfa

Int tipprova tikkonvinċi lill-pajjiżi li għandhom dubju biex jivvutaw kontra l-proposta. Għalik huwa importanti li tipproteġi l-industrija taċ-ċikkulata tiegħek stess. Tista' wkoll tikkollabora ma' alleati potenzjali biex tiżviluppaw strateġija flimkien. Ara kif tista' tagħmel **l-industrija taċ-ċikkulata aktar b'saħħitha**, u forsi jirnexxielek tikkonvinċi lil Stati Membri oħra u lill-Parlament biex ikollha marka ta' kwalità. Int lest li tilħaq kompromess.

### Il-Proċedura tal-Votazzjoni

Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u tridu tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE. Tinsiex tikteb hawn taħt l-opinjoni ta' kull Stat Membru.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# Il-Ġermanja


© Sigbert Geogi/Panther Media/GraphicObsession

## Il-Każ

*F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b'"suq intern" mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom "ċikkulata".
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta' din iċ-"ċikkulata".

## X'taħseb il-Ġermanja fuq din il-proposta dwar iċ-ċikkulata?

Il-Ġermanja tappoġġa l-kummerċ ħieles u l-iżvilupp ulterjuri tas-suq intern u għalhekk tixtieq tappoġġa l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea.

Fl-istess ħin, il-Ġermanja hija konxja ħafna dwar l-effetti negattivi li l-produzzjoni ta' xi żjut veġetali, b'mod partikolari **ż-żejt tal-palm**, għandha fuq l-ambjent.

Għalkemm hemm alternattivi disponibbli li huma daqstant tajbin (butir tax-shea, butir tal-mango), il-maġġoranza taċ-ċikkulata "falza" għadha qed issir biż-żejt tal-palm. Bl-elezzjonijiet fil-qrib, il-Ġermanja ma tistax tieħu r-riskju li tappoġġa politika li tippromwovi l-produzzjoni taż-żejt tal-palm u li għalhekk tista' tkun marbuta mad-deforestazzjoni.

### L-ewwel ċiklu ta' voti

**Tivvota kontra** l-proposta fl-ewwel ċiklu minħabba li tixtieq turi oppożizzjoni ċara kontra l-produzzjoni fuq skala kbira taż-żejt tal-palm.

### Waqfa

**Tisma'** b'attenzjoni l-proposti mill-pajjiżi l-oħra. Barra minn hekk, titkellem ma' pajjiżi li huma favur id-direttiva. Forsi jistgħu jgħinuk issib alternattiva għaż-żejt tal-palm li tirrispetta l-ambjent? Tixtieq ukoll **it-trasparenza**, filwaqt li tiżgura li l-konsumaturi jkunu jafu minn xiex inhi magħmula ċ-ċikkulata tagħhom. Tivvota **favur biss** jekk tkun sodisfatt bl-eżitu ta' dawn in-negozjati**.**

### Il-Proċedura tal-Votazzjoni

Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u tridu tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE. Tinsiex tikteb hawn taħt l-opinjoni ta' kull Stat Membru.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# L-Irlanda


© Neil Beer/Photodisc/Getty Images

## Il-Każ

*F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b'"suq intern" mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom "ċikkulata".
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta' din iċ-"ċikkulata".

## X'taħseb l-Irlanda dwar din il-proposta taċ-"ċikkulata"?

Skont stħarriġ riċenti mwettaq minn aġenzija tar-riċerka indipendenti, meta jduqu ċ-ċikkulata, il-konsumaturi ma jkunux jistgħu jagħrfu jekk iċ-ċikkulata fihiex butir tal-kawkaw veru jew le. Inti għalhekk **taqbel kompletament** mad-direttiva tal-Kummissjoni Ewropea. Huwa assurd li ċ-ċikkulata Irlandiża magħmula **minn żjut veġetali alternattivi** ma tistax tinbiegħ fil-Belġju jew fi Franza.

L-Irlanda għandha tradizzjoni pjuttost twila tal-produzzjoni u l-konsum taċ-ċikkulata magħmula minn ekwivalenti tal-butir tal-kawkaw. Minħabba kundizzjonijiet estremi ta' faqar fl-Irlanda u tnaqqis enormi fl-importazzjoni taż-żerriegħa tal-kawkaw – kemm l-Irlanda kif ukoll ir-Renju Unit kienu mġiegħla jsibu alternattivi għall-butir tal-kawkaw. Dan sar parti mill-istorja nazzjonali tagħhom u għalhekk l-Irlanda trid tipproteġi t-tradizzjonijiet taċ-ċikkulata tagħha stess.

### L-ewwel ċiklu ta' voti

L-Irlanda **tivvota favur** il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea.

### Waqfa

Int tixtieq **tikkonvinċi** lil kulħadd dwar l-importanza ta' kompetizzjoni ġusta, u għalhekk anke dwar l-importanza ta' din id-direttiva l-ġdida. Int pajjiż relattivament żgħir. Għalhekk huwa importanti li tikkonvinċi lil pajjiżi oħra akbar u lill-Parlament Ewropew li għandhom jivvutaw favur. Lest ukoll li tappoġġa pajjiżi oħra f'oqsma oħra jekk ikun meħtieġ. Irrifletti dwar liema argumenti tista' tuża.

### Il-Proċedura tal-Votazzjoni

Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u trid tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE. Tinsiex tikteb hawn taħt l-opinjoni ta' kull Stat Membru.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# Spanja



© Jeremy Woodhouse/Digital Vision/Getty Images

## Il-Każ

*F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b'"suq intern" mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom "ċikkulata".
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta' din iċ-"ċikkulata".

## X'taħseb Spanja fuq din il-proposta dwar iċ-ċikkulata?

Għalkemm Spanja ma tipproduċix ħafna ċikkulata, inti tħoss li huwa importanti li ċ-ċikkulata ssir mill-**butir tal-kawkaw**. L-Ispanjoli għandhom għal qalbhom it-**tradizzjonijiet**. Id-ditta taċ-ċikkulata "Valor" hija famuża mad-dinja kollha u ċ-churros Spanjoli, li huma għaġina moqlija, huma mgħaddsa f'ċikkulata sħuna. Trid tkun ċert li dawn it-tradizzjonijiet ikunu protetti fil-qafas tal-proposta tal-Kummissjoni.

Madankollu, int temmen li huwa importanti li jkun hemm qbil stabbli sabiex l-istess regoli jkunu japplikaw kullimkien. Kontra qalbek int tappoġġa l-inizjattiva. Iżda se tieħu kwalunkwe opportunità biex tqajjem il-kwistjoni tat-tradizzjonijiet.

### L-ewwel ċiklu ta' voti

Spanja **tivvota favur** il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, iżda tinforma lill-pajjiżi l-oħra li tixtieq tiddiskuti l-protezzjoni tat-tradizzjonijiet.

### Waqfa

Int tista' **titħajjar tivvota kontra** l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, jekk pajjiżi oħra jirnexxilhom jikkonvinċuk li dan se jissalvagwardja t-tradizzjonijiet Spanjoli.

Madankollu int tipprova ssib soluzzjoni b'mod attiv. Forsi hija idea tajba li tinħoloq tikketta għaċ-"ċikkulata vera" li r-ristoranti jkunu jistgħu jqiegħdu fuq il-menù tagħhom? Jew taħseb li għandu jkun hemm sempliċiment eċċezzjoni għaċ-ċikkulata li tiġi servuta maċ-churros? Smajt li l-Italja qed tħabbat wiċċha ma' diffikultajiet simili...

### Il-Proċedura tal-Votazzjoni

Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u trid tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE. Tinsiex tikteb hawn taħt l-opinjoni ta' kull Stat Membru.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# Franza



© Neil Beer/Photodisc/Getty Images

## Il-Każ

*F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b'"suq intern" mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom "ċikkulata".
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta' din iċ-"ċikkulata".

## X'taħseb Franza fuq din il-proposta dwar iċ-ċikkulata?

Int **assolutament ma taqbilx** mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea. Il-prodotti jistgħu jissejħu "ċikkulata" biss jekk ikun **fihom il-butir tal-kawkaw!** L-industrija tradizzjonali Franċiża taċ-ċikkulata se tikkollassa jekk iċ-ċikkulata "falza" li qed tikkompeti tiġi permessa fis-suq. Għalhekk, it-tweġiba tiegħek hija "żgur li le!".

Iċ-ċikkulata proprja fiha mill-inqas 35 % kawkaw. Sakemm pajjiżi oħra jikkonformaw ma' dak in-numru, huma jistgħu jbigħu l-prodott tagħhom bħala ċikkulata fi Franza.

### L-ewwel ċiklu ta' voti

Franza **tivvota kontra** l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea.

### Waqfa

Int **m'intix lest** tbiddel il-pożizzjoni tiegħek. Huwa importanti li ssib biżżejjed alleati biex twaqqaf il-proposta tal-KE milli tiġi aċċettata. Ipprova kkonvinċi lill-pajjiżi li għandhom dubju biex jivvutaw kontra l-proposta. Tista' wkoll tikkollabora ma' alleati potenzjali.

Jekk tinnota li l-maġġoranza tal-pajjiżi jistgħu xorta waħda jivvutaw favur id-direttiva, ipprova kkonvinċihom biex jinkludu l-**perċentwal massimu possibbli ta' kawkaw**. Dan ikun aħjar mix-xejn f'dak il-każ.

### Il-Proċedura tal-Votazzjoni

Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u trid tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE. Tinsiex tikteb l-opinjoni ta' kull Stat Membru.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# L-Italja



© Photodisc/Getty Images

## Il-Każ

*F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b'"suq intern" mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom "ċikkulata".
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta' din iċ-"ċikkulata".

## X'taħseb l-Italja fuq din il-proposta dwar iċ-ċikkulata?

L-Italja qed **tbati** minn ħsad fqir taż-żerriegħa tal-kawkaw. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea saret fi żmien tajjeb - issa jkun **profittabbli li wieħed jaqleb** għal żjut veġetali minbarra l-butir tal-kawkaw. Dan ifisser produzzjoni orħos għall-manifatturi Taljani, li tippermettilhom jikkompetu ma' Franza u mal-Belġju.

Madankollu, trid issir **eċċezzjoni** għall-"Gianduia" (*Djiandoeja*), speċjalità tradizzjonali Taljana (magħmula b'kollox minn sustanza tal-kawkaw imnixxef ta' mill-inqas 32 % u mill-ġellewż). Id-direttiva trid tiddikjara li prodott jista' jissejjaħ biss "Gianduia" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw u l-ġellewż.

### L-ewwel ċiklu ta' voti

L-Italja **tivvota kontra** l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea.

### Waqfa

Jekk il-Kummissjoni **tbiddel il-proposta** biex tagħmel eċċezzjoni għall-"**Gianduia**" (li tista' tinbiegħ biss jekk ikun fiha l-butir tal-kawkaw), allura vvota **favur**. Tista' titkellem mal-Kummissjoni u tikseb appoġġ minn pajjiżi oħra billi tipproponi li tappoġġa eċċezzjonijiet għall-prodotti reġjonali tagħhom ukoll.

### Il-Proċedura tal-Votazzjoni

Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u trid tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE. Tinsiex tikteb l-opinjoni ta' kull Stat Membru.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# In-Netherlands


© European Union

## Il-Każ

*F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b'"suq intern" mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom "ċikkulata".
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta' din iċ-"ċikkulata".

## X'jaħsbu n-Netherlands fuq din il-proposta dwar iċ-ċikkulata?

### L-ewwel ċiklu ta' voti

In-Netherlands ma jipproduċux ħafna ċikkulata, iżda bħala pajjiż kummerċjali jagħtu importanza kbira li l-prodotti kollhajkollhom regoli ugwali. Dan għandu jikkomplementa t-**trasparenza** għall-konsumaturi. Iridu jkunu kapaċi jifhmu faċilment minn xiex inhu magħmul l-ikel tagħhom.

In-Netherlands **jivvutaw favur** il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea.

### Waqfa

Int ivvutajt **favur** id-direttiva l-ġdida tal-Kummissjoni Ewropea. Madankollu, xorta waħda għandek dubji li tixtieq tiddiskuti mal-pajjiżi l-oħra tal-UE. M'intix daqshekk ċert jekk bil-proposta attwali, il-konsumaturi humiex se jifhmu liema prodotti jintużaw għall-produzzjoni taċ-ċikkulata tagħhom. Tixtieq tipproponi emenda li tiżgura li l-Kummissjoni se tirriċerka dwar jekk it-trasparenza għall-konsumaturi hijiex garantita fid-direttiva l-ġdida. Tkellem dwar din l-idea mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni Ewropea.

### Il-Proċedura tal-Votazzjoni

Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u trid tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE. Tinsiex tikteb l-opinjoni ta' kull Stat Membru.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# Il-Polonja



© iStockphoto.com/artzmey

## Il-Każ

*F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b'"suq intern" mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom "ċikkulata".
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta' din iċ-"ċikkulata".

## X'taħseb il-Polonja fuq din il-proposta dwar iċ-ċikkulata?

Il-Polonja għandha industrija taċ-ċikkulata kif ukoll **industrija tat-tabakk** importanti wkoll. Għalhekk int aktar imħasseb fuq id-Direttiva dwar it-tabakk, skedata li tiġi diskussa l-ġimgħa d-dieħla fil-Kunsill. Jekk ikollok tiddeċiedi, tippreferi tivvota kontra d-Direttiva dwar iċ-ċikkulata.

### L-ewwel ċiklu ta' voti

Il-Polonja **tivvota kontra** l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea. Issemmix il-pożizzjoni tiegħek rigward id-Direttiva dwar it-tabakk, iżda semmiha b'mod informali matul il-waqfa.

### Waqfa

Tista' **titħajjar tivvota favur** il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea; madankollu trid xi ħaġa lura.

Se tivvota biss favur id-direttiva jekk ikollok appoġġ il-ġimgħa d-dieħla fil-glieda kontra r-ritratti ta' twissija fuq l-imballaġġ tas-sigaretti. **Tkellem** mal-pajjiżi l-oħra biex tikseb l-appoġġ tagħhom għad-direttiva tal-ġimgħa d-dieħla.

### Il-Proċedura tal-Votazzjoni

Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u trid tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE. Tinsiex tikteb l-opinjoni ta' kull Stat Membru.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# Il-Portugall


© Luis Santos/Panther Media/GraphicObsession

## Il-Każ

*F’xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista’ jinbiegħ b’dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista’ jiġi ttikkettat biss bħala “ċikkulata” jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b’“suq intern” mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Il-Kummissjoni Ewropea fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom “ċikkulata”.
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta’ din iċ-“ċikkulata”.

## X’jaħseb il-Portugall fuq din il-proposta dwar iċ-ċikkulata?

Int **taqbel** mal-Kummissjoni Ewropea, u temmen li r-regoli għandhom ikunu kemxejn inqas stretti. Fuq kollox, m’għandniex Unjoni Ewropea b’suq intern għalxejn. Il-Portugall ilu jagħmel iċ-ċikkulata bl-użu ta’ żjut veġetali minbarra l-butir tal-kawkaw għal żmien twil, peress li ż-żjut alternattivi huma orħos. Il-proposta l-ġdida tippermetti lill-Portugall jibda jbigħ ħafna aktar ċikkulata mal-Ewropa kollha.

### L-ewwel ċiklu ta’ voti

Il-Portugall **jivvota favur** il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea.

### Waqfa

Int tipprova **tikkonvinċi** lill-pajjiżi li għandhom dubju **biex jivvutaw favur** il-proposta. Aħseb dwar argumenti li jistgħu jikkonvinċuhom ibiddlu l-vot tagħhom. Lest ukoll li tappoġġa pajjiżi oħra f’oqsma oħra jekk ikun meħtieġ. Tinsiex tikkonvinċi lill-Parlament.

### Il-Proċedura tal-Votazzjoni

Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta’ mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u trid tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE. Tinsiex tikteb l-opinjoni ta’ kull Stat Membru.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

# L-Iżvezja



© European Union

## Il-Każ

*F'xi Stati Membri, kwalunkwe prodott li jixbah iċ-ċikkulata jista' jinbiegħ b'dak l-isem. Fi Stati Membri oħra, prodott jista' jiġi ttikkettat biss bħala "ċikkulata" jekk ikun fih il-butir tal-kawkaw. Dan huwa problematiku, peress li jfisser li hemm xi pajjiżi fejn il-manifatturi taċ-ċikkulata ma jkunux jistgħu jbigħu l-prodotti tagħhom. Dan ifixkel il-kummerċ fl-UE. Għalkemm l-Unjoni Ewropea ilha b'"suq intern" mill-1993, li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija fl-UE, Franza u l-Belġju għadhom jirrifjutaw li jbigħu ċikkulata minn pajjiżi Ewropej oħra.*

Parlament Ewropew

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea fasslet direttiva li għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Il-proposta għal din id-direttiva hija kif ġej:

a. Il-kumpaniji jistgħu jissostitwixxu l-butir tal-kawkaw bi żjut veġetali oħra u xorta waħda jsejħu l-prodotti tagħhom "ċikkulata".
b. L-Istati Membri kollha huma obbligati li jippermettu l-bejgħ ta' din iċ-"ċikkulata".

## X'taħseb l-Iżvezja fuq din il-proposta dwar iċ-ċikkulata?

L-Iżvezja għandha żewġ fabbriki ewlenin taċ-ċikkulata, li waħda minnhom (Karlshamns) **tuża żjut veġetali oħrajn** minbarra l-butir tal-kawkaw biex tipproduċi ċ-ċikkulata tagħha. Bħalissa, Franza u l-Belġju ma jaċċettawx iċ-ċikkulata minn din il-fabbrika, sakemm dawk il-prodotti li jkun fihom xaħmijiet veġetali oħrajn jiġu ttikkettati b'mod differenti, mingħajr ma tintuża l-kelma "ċikkulata".

Barra minn hekk, l-Iżvezja għandha tradizzjoni b'saħħitha taċ-ċikkulata tal-ħalib. Ix-xaħmijiet veġetali, minbarra l-butir tal-kawkaw, jintużaw ta' spiss għaċ-ċikkulata tal-ħalib. Dan l-aħħar, il-bejgħ taċ-ċikkulata tal-ħalib naqas minħabba żieda fl-importazzjonijiet u l-bejgħ taċ-ċikkulata skura minn pajjiżi oħra tal-UE. Għalhekk, hemm produzzjoni żejda taċ-ċikkulata tal-ħalib fl-Iżvezja, u b'hekk din id-Direttiva tista' tkun tajba ħafna għall-industrija tal-Iżvezja u l-esportazzjonijiet taċ-ċikkulata lejn pajjiżi oħra tal-UE.

### L-ewwel ċiklu ta' voti

L-Iżvezja **tivvota favur** il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea.

### Waqfa

Bħala Stat Membru relattivament żgħir, int jeħtieġ li tiġbor l-appoġġ minn Stat Membru akbar wieħed jew aktar. Lest li tipproponi ċerti eċċezzjonijiet lill-Istati Membri jekk dan jikkonvinċihom biex jappoġġaw id-direttiva l-ġdida. **Ikkonvinċi** wkoll lill-Parlament Ewropew biex jivvota favur.

### Il-Proċedura ta' Votazzjoni

Sabiex tiġi aċċettata proposta, maġġoranza kwalifikata ta' mill-inqas **55 %** tal-pajjiżi trid taqbel mal-proposta u trid tirrappreżenta mill-inqas **65 %** tal-popolazzjoni fl-UE. Tinsiex tikteb l-opinjoni ta' kull Stat Membru.

| Pajjiż | Opinjoni rigward id-Direttiva dwar iċ-ċikkulata | Popolazzjoni (miljun) | % |
|---|---|---|---|
| L-Irlanda | Favur/Kontra | 5 | 1 |
| Il-Portugall | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| L-Iżvezja | Favur/Kontra | 10 | 3 |
| Il-Belġju | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| Iċ-Ċekja | Favur/Kontra | 11 | 3 |
| In-Netherlands | Favur/Kontra | 17 | 5 |
| Il-Polonja | Favur/Kontra | 38 | 11 |
| Spanja | Favur/Kontra | 47 | 13 |
| L-Italja | Favur/Kontra | 60 | 17 |
| Franza | Favur/Kontra | 67 | 18 |
| Il-Ġermanja | Favur/Kontra | 83 | 23 |
| Total | 11-il pajjiż | 359 | 100 % |

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023

© L-Unjoni Ewropea, 2023

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għajr jekk ikun indikat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat bil-liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International (CC BY 4.0) (https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess kemm-il darba jingħata kreditu xieraq u jiġu indikati t-tibdiliet kollha.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun hemm bżonn li jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

PDF ISBN 978-92-76-60224-8 doi:10.2775/2440 NA-05-22-425-MT-N